KUNSILL LOKALI SANTA VENERA

Kumpless Umberto Calosso

Triq il-Kbira San Ġużepp

Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664

E-Mail: santavenera.lc@gov.mt

Web page: http://www.stvenera.gov.mt

6/17 T

**Minuti tat-tkomplija tas-sitt laqgħa tas-sbatax–il sena tal-Kunsill Lokali Santa Venera li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv nhar it-Tnejn 10 ta' Mejju 2010, fis-6pm.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sinjura Elizabeth Vella | - | Sindku |
| | Is-Sur Horace J Anastasi | - | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Stephen Sultana | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Cleaven Christian Bugeja | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Ronald Briffa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Carmel Camilleri | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Edwin Formosa | - | Kunsillier |
| | Is-Sur Joseph Cassar | - | Segretarju Eżekuttiv |

1.0 Item 1: Talba

1.1 Il-laqgħa bdiet fis-6:30pm u infetħet b'talba qasira mis-Sindku.

2.0 Item 2: Affarijiet li jitqajmu lill-minuti

*Minuti tas-6 ta' April 2010*

2.1 Minuta 3.1: Il-Kunsill irrifera għal-laqgħa li s-Segretarju Eżekuttiv kellu ma uffiċċjal tat-TM fuq il-postijiet. B'ħames voti favur (is-Sindku u s-Sinjuri Sultana, Bugeja, Briffa u Formosa) u żewġ astensjonijiet (is-Sinjuri Anastasi u Camilleri) il-Kunsill qabel li tiżdied un/loading bay quddiem l-istabbiliment tal-ħġieġ fi Triq Misraħ il-Barrieri peress li hu intitolat ukoll u peress li ma tistax issir waħda komuni.

B'vot unanimu, il-Kunsill qabel li titwaħħal tabella li tindika li l-un/loading bay ta' quddiem Muscat Flora fi Triq il-Ferrovija hija communal. Qabel ukoll li l-ħinijiet ikunu ristretti kemm jistgħu.

2.2 Minuta 3.2: Wara li l-Kunsill innota li l-għamara tat-triq instabet, il-Kunsill qabel li jħallas l-ammont kollu dovut iżda mingħajr l-ispejjeż legali, mingħajr l-imgħaxxijiet u mingħajr ma jidħol fi ftehim dwar il-manutenzjoni tal-pavimentar u d-dawl.

Il-Kunsill innota li l-pavimentar imkisser għadu ma tranġax kif imwiegħed. Is-Sur Anastasi talab li dawk responsabbli li taw informazzjoni ħażina lill-Kunsill dwar fejn kienet tinsab l-għamara tat-triq iħallsu ta' egħmilhom.

2.3 Minuta 3.3: Fuq mistoqsija tas-Sur Sultana, is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-Awditur tal-Gvern se jiltaqa miegħu nhar il-Ħamis 13 ta' Mejju 2010.

2.4 Minuta 3.4.8: Is-Sur Anastasi talab li s-Sinjura Medati titolbu skuża bill-miktub.

2.5 Minuti 3.4.12 u 3.4.13: Il-Kunsill innota li waqt il-laqgħa, il-voti inqraw ħażin iżda l-minuti jirriflettu l-votazzjoni kif fil-fatt saret.

*Minuti tat-13 ta' April 2010*

2.6 Minuta 1.7: Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra numru ta' dokumenti mgħoddija lilu mis-sidien tal-proprjetajiet fi Triq Salvinu Spiteri u qal li l-istess sidien qed jitolbu lill-Kunsill jirrivedi ż-żebgħa li saret dan l-aħħar. Il-Kunsill qabel li tintalab li ssir spezzjoni minn uffiċċjal tal-MEPA jew Pulizija.

2.7 Minuta 1.8: Il-Kunsill qabel li l-laqgħa mal-Pulizija ssir nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju 2010 fl-4pm filwaqt li l-laqgħa dwar Triq il-Parilja ssir it-Tlieta 1 ta' Ġunju 2010 fis-6pm. Għal l-laqgħa ta' Triq il-Parilja jkunu mistiedna ir-residenti tal-akwata tas-supermarket, is-sidien jew rappreżentant tas-supermarket, il-pulizija u l-uffiċċjal awtorizzat fil-kumitat konġunt.

2.8 Minuta 1.12: Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur de Lys stieden lilha u lis-Segretarju Eżekuttiv għal-laqgħa dwar l-arkata. Il-laqgħa saret il-Ġimgħa 7 ta' Mejju 2010 fil-Kunsill Lokali Birkirkara u li fiha s-Segretarju Eżekuttiv kien skużat. Hi qalet li fil-laqgħa ġie deċiż li tintalab laqgħa mall-MEPA u assigurat lill-Kunsill li l-garanzija bankarja mhux se tintilef.

Is-Sur Sultana qal li s-Sur Briffa jista jkollu konflitt ta' interess f'dan il-każ, qal li l-arkata tinsab fil-konfini ta' Santa Venera biss u allura ma jarax għaliex daħlet il-lokalita ta' Birkirkara. Il-Kunsill qabel li jitlob għal kopja tal-minuti tal-laqgħa inkwistjoni.

2.9 Minuta 1.14: Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hu ma sab xejn fil-minuti f'dan ir-rigward. Is-Sur Formosa ikkonferma dan għax anke hu qal li fittex fil-minuti u ma sab xejn. Hu staqsa min ħa d-deċiżjoni li jitneħħew il-kurduni. Is-Sindku wieġbet li kienet hi. Għalhekk, is-Sur Formosa talab lill-Kunsill jerġgħu jsiru max-xogħol tal-madum. Il-Kunsill qabel.

2.10 Minuta 2.1.6: Il-Kunsill qabel li jkompli miexi fil-proġett.

2.11 Minuta 2.17: Is-Sur Anastasi infoma lill-Kunsill li l-kkonferenza ma saretx.

2.12 Minuta 4.0: Is-Segretarju Eżekuttiv irrifera għal minuta 8.3.1 mill-minuti tad-29 ta' Diċembru 2009. Is-Sindku qalet li avolja fil-minuti m'hemmx referenza fuq id-dettalji tal-attivita, hi qalet li għamlet bħas-snin ta' qabel. Il-Kunsill qabel li ma jħallasx l-ispiża tal-catering.

2.13 Minuta 5.0: Is-Segretarju Eżekuttiv irrifera għal minuti tad-19 ta' Ġunju 2009 u għar-rendikont tal-ispejjeż. Is-Sur Anastasi qal li hu veru li s-Sur Camilleri kien preżenti għal din il-laqgħa pero kien telaq qabel l-imsemmija deċiżjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li s-Sur Camilleri kien parteċipi fid-deċiżjoni tal-minuta ta' wara.

Is-Sur Camilleri emenda l-mozzjoni tiegħu u ippropona li l-Kunsill jerġa jagħmel l-MC bays li tħassru u oħrajn fejn ikun hemm bżonn. Il-mozzjoni emendata ġiet sekondata mis-Sur Sultana. Il-Kunsill qabel b'sitt voti favur (is-Sindku u s-sinjuri Anastasi, Sultana, Bugeja, Briffa u Briffa) u astensjoni (is-Sur Formosa). Qabel ukoll li japplika lit-TM f'dan is-sens.

3.0 Item 3: Korrispondenza

3.1 Il-Kunsill tratta din il-korrispondenza:

3.1.1 TM re: Unapproved Road Markings/Signage/Bollards. Il-Kunsill qabel li jitlob għas-sanzjonament tagħhom u jispjega għaliex saru. Qabel ukoll li jiċċekkja dwar reserved fi Triq Reġjonali k/m Triq Salvinu Spiteri.

3.1.2 KL Valletta re: Tariffa fuq skart depositat fil-miżbla wara s-7pm. Il-Kunsill qabel li jikteb ittra konġunta l-AKL kopja lill-Ministru.

3.1.3 Miskova Cynthia re: WIFI. Il-Kunsill qabel li japplika fi Ġnien Romeo Romano, Pjazza Franka, Playground Guze Flores u Playground Beatu Ġorġ Preca.

3.1.4 Tonio Fenech f'isem Michael Attard Ltd re: Roundabout San Filippu. Il-Kunsill innota li r-roundabout m'għadiex jieħu ħsiebha hu u ġie suġġerit li jsiru negozjati fuq soft areas oħra.

3.1.5 Joseph Mifsud re: Rampa. Il-Kunsill innota li r-rampa tneħħiet minħabba l-bieb tal-ħanut viċin iżda innota wkoll li llum dan għandu shutter. Ghalhekk, il-Kunsill qabel li jinvestiga.

3.1.6 TM re: Estensjoni ta' bankina Triq il-Kbira San Ġużepp k/m Triq il-Kanun. Il-Kunsill qabel li japplika għal tabella biex ma jgħaddux vetturi kbar.

3.1.7 F'dan l-istadju (8:47pm) is-Sur Camilleri talab li jkun skużat għall-kumplament tal-laqgħa.

3.1.8 TM re: Pelican Crossing fi Triq il-Kbira San Ġużepp. Il-Kunsill qabel pero x-xogħol isir aktar tard minħabba l-finanzi.

3.1.9 26th July Fireworks re: Servizz ta' Gwardjan Lokali. Peress li ma kienx hemm qbil fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, il-Kunsill qabel li jitlob kjarifika mid-Dipartiment.

3.1.10 Pace Deborah re: Skema Accessibilita 2009. Il-Kunsill aċċetta li jittiħdulu l-fondi lura imma qabel li japplika s-sena d-dieħla.

3.1.11 Antonio Calleja re: Parkegg faċċata tal-garaxx. Il-Kunsill qabel li japplika t-TM.

3.1.12 TM re: One Way System fi Triq il-Batterija. Il-Kunsill qabel li jimplimentha wara li Triq il-Palazz l-Aħmar tinbena mill-ġdid.

## 4.0 Item 4: Skeda ta' pagamenti (approvazzjoni)

4.1 L-iskeda għal *cheque payments* (7 ta' April 2010 sas-27 ta' April 2010) tqassmet lill-Kunsilliera kollha u ġiet approvata minbarra cheque 4503 sakemm il-Kunsill jingħata spjegazzjoni tiegħu. L-iskeda ġiet iffirmata mis-Sinjuri Sultana u Briffa.

4.2 Tqassmet ukoll *schedule of receipts* (30 ta' Marzu 2010 sal-14 ta' April 2010).

## 5.0 Item 5: Ilmenti

5.1 Il-Kunsill tratta dawn l-ilmenti:
5.1.1 (253): Il-Kunsill qabel li jirriferi l-każ lill-MP&DC.
5.1.2 (254): Il-Kunsill ma qabilx u ssuġġerixxa li japplika rampi tal-injam.
5.1.3 (255): Il-Kunsill innota li l-ħanut inkwistjoni jinsab fil-konfini tal-Ħamrun.
5.1.4 (256): Il-Kunsill qabel li jinġabar.
5.1.5 (257): Il-Kunsill qabel li jikteb ittra formali.
5.1.6 (258): Il-Kunsill qabel li joħroġ works order lil B.Grima & Sons Ltd.
5.1.7 (259): Il-Kunsill qabel li joħroġ works order lil Mario Mallia.
5.1.8 (260): Il-Kunsill qabel li jikteb ittra formali.
5.1.9 (261): Il-Kunsill ma qabilx.
5.1.10 (262): Il-Kunsill qabel li joħroġ works order lil Logo Grafix.
5.1.11 (263): Il-Kunsill ma qabilx.
5.1.12 (264): Il-Kunsill ma qabilx.
5.1.13 (265): Il-Kunsill qabel li japplika t-TM.
5.1.14 (266): Il-Kunsill innota li hemm każijiet simili li ilhom pendenti snin.
5.1.15 (267): Il-Kunsill qabel li japplika l-ELC.
5.1.16 (268): Il-Kunsill qabel li japplika t-TM.
5.1.17 (269): Il-Kunsill innota li s-siġar inkwistjoni jinsabu fil-konfini Msida.
5.1.18 (270): Il-Kunsill ma qabilx.
5.1.19 (271): Il-Kunsill qabel li jikteb ittra formali.
5.1.20 (272): Il-Kunsill innota li hemm bin ieħor ftit passi l-isfel fejn l-istage.
5.1.21 (273): Il-Kunsill qabel li japplika t-TM.

## 6.0 Item 6: Aġġornament

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv wera ritratt u irrifera għal talba mingħand il-Greenpak biex ipoġġu bring in sites fi Triq il-Batterija fejn il-playground. Il-Kunsill qabel unanimament.

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-bus shelter ta' Triq il-Kappillan Mifsud tista tiġi installata biss jekk tiġI modifikata l-bankina. Il-Kunsill qabel li japplika t-TM peress li hi triq arterjali.

6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra kopja tal-kontijiet tad-dawl tan-niċċa ta' Triq il-Kanun. Il-Kunsill ma qabilx peress li n-niċċa mhux funzjoni tal-Kunsill.

6.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li fl-4 ta' Mejju 2010 iffirmat il-Patt tas-Sindki u l-ebda spiża ma ġiet involuta.

6.5 Is-Sur Anastasi talab li kull direttiva għandha tingħata bil-miktub.

6.6 Is-Sur Anastasi talba li l-Kunsill jaċċetta ilmenti u rapporti anonomi. Il-Kunsill qabel li jitlob gwida mid-Dipartiment.

6.7 Is-Sur Sultana irraporta trakk HBE 378 ta' J Manduca Manred Gas Distributors, Triq Naxxar, San Gwann li allegatament kull nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar jgħaddi minn Triq l-Għolja u jitla fuq il-bankina b'konsegwenza li kissirha.Il-Kunsill qabel li r-rapport jingħata lill-Pulizija.

Il-Kunsill qabel ukoll li japplika lit-TM għal no entry for heavy vechiles fi Triq l-Gholja.

6.8 Il-laqgħa intemmet fid-9:35pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 25 ta' Mejju 2010 fis-6pm b'aġenda tkun ikkomunikata aktar tard..

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Cassar<br>Segretarju Eżekuttiv | Ikkonfermati | Elizabeth Vella<br>Chairperson |